MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 293/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-a\ssikurat taghha Albert Pearson sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Albert Pearson**

**vs**

**Eusebio Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Lira u tmienja u sittin centezmi (LM 1,744.68), rapprezentanti hlas ta' danni minnu ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April, 2003, fi Triq Hookham Frere, Pieta, bejn il-vettura KAQ 714 misjuqa minnu Eusebio Busuttil u l-vettura numru IBE 487 proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet ipparkjata, u liema incident sehh unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta'

tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u stante wkoll illi fid-data ta' l-incident, huwa, Eusebio Busuttil ma kellux licenzja tas-seqan valida, u konsegwentement kiser il-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAQ 714;

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00) 'Excess' imhallsa mill-attur Albert Pearson, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru, 2003, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, kontra l-konvenut, u bl-imghax mill-10 ta' Dicembru, 2003, kontra tieghu li hu ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Lira u tmienja u sittin centezmi (LM 1,744.68), bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru, 2003, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------